# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.7

## Kap 5: Ngħix ma' kulħadd

## Lezzjoni 5.7: Naċċetta parir

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jirrevedu l-fatt kif Ġesù kien iħobb lil kulħadd.
2. Jisimgħu s-sejħa ta' Mattew u jagħrfu min kien (MK2: 13-14).
3. Jiddiskutu kif ġab ruħu Mattew u kif ġab ruħu Ġesù.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Interactive Whiteboard
- Preżentazzjoni bil-ppt - (Ġesù jħobb lil dawk li jiżbaljaw - 5.6)
- Karta tat-taħriġ 5.6
- Links: Is-sejħa ta' Mattew:

  https://www.youtube.com/watch?v=0nqllVTt1bA

  https://www.youtube.com/watch?v=P_0fCjTCEq4



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri stampa relatata ma' xi ħadd li żbalja (mill-ppt). Staqsi lit-tfal: Ġieli żbaljajt u għamilt xi ħaġa ħażina? Kif ħassejtek? X'għamlu l-oħrajn?
- Uri l-istampa li jmiss u staqsi: Ġieli kien hemm xi ħadd minn sħabek li għamillek xi ħaġa ħażina? Kif ħassejtek? X'għamilt?
- Staqsi: X'għandna nagħmlu meta xi ħadd jiżbalja? (naħfrulu, ngħinuh, nerġgħu nilqgħuh bħala l-ħabib tagħna)



## Nisimgħu flimkien (Il-qofol tal-lezzjoni)

1. Uri l-*powerpoint* tas-sejħa ta' Mattew (Mk2: 13-14). Tista' wkoll turi l-video. Spjega li Ġesù kien dejjem ifittex li jgħin anke lil dawk li jiżbaljaw. Staqsi mistoqsijiet minn stampa għal oħra biex tara li t-tfal ikunu qed jifhmu.
2. Staqsi mistoqsijiet ġenerali dwar dan l-episodju mill-ħajja ta' Ġesù bħal: *Min kien Mattew? Kien jagħmel tajjeb jew ħażin? X'qallu Ġesù darba waħda? X'għamel Mattew? X'parir tah Ġesù lil Mattew? Min kien hemm għall-ikla? X'qalu l-Fariżej? X'weġibhom Ġesù? Xi tfisser it-tweġiba ta' Ġesù?*
3. Stieden lit-tfal isibu l-Karta tat-Taħriġ 5.7. Aqra u spjega n-nota tal-bidu.
4. Spjega Attività 1. Stieden lit-tfal jiddiskutu flimkien u wara jniżżlu r-risposti. *(It-tweġibiet jistgħu jkunu: 1. Nisma' sew il-parir li jagħtuni 2. Naħseb fuq dak li nista' nagħmel 3. Nara xi rrid nibdel jew nirranġa 4. Nirringrazzja lil min tani l-parir 5. Nipprova nimxi mal-parir li jkun tani).*
5. Spjega Attività 2. It-tfal jirrevedu l-istorja ta' Mattew billi jimmarkaw il-kaxxa t-tajba
6. Iddiskutu Attivita 3 billi kulħadd jifhem bl-importanza tal-pariri siewja
7. Agħlaq il-lezzjoni bit-talba mill-aħħar *slide* tal-*powerpoint.*



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Mattew kien jiġbor it-taxxi u allura n-nies ma tantx kienu jħobbuh.
2. Darba Ġesù sejjaħlu waqt li kien għaddej u stiednu jimxi warajh.
3. Mattew aċċetta u sar appostlu ta' Ġesù.
4. Irridu nisimgħu u nirrispettaw lil dawk li jridulna l-ġid u li jagħtuna pariri tajba.
5. Parir tajjeb jgħinna biex ħajjitna tkun aħjar.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li kapaċi jilqgħu b'rispett il-pariri ta' dawk li jridulhom il-ġid.



## Niċċelebraw flimkien xi kant / drama / DVD ecc

Links: Is-sejħa ta' Mattew:



https://www.youtube.com/watch?v=0nqllVTt1bA

https://www.youtube.com/watch?v=P_0fCjTCEq4

## Nitolbu

Mulej Ġesù, għinni biex dejjem infittex li nagħmel it-tajjeb u naċċetta l-pariri ta' dawk li jriduli l-ġid.

